**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**<u>Rikors nru: 418/2021 AGV ;</u>**

**SP**

**vs**

**AC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 16 ta' Settembru 2021 fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fl- 4 t' Ottubru 2015. Kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg hawn anness, mmarkat Dok A, u minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Jean Carl Debono fil-11 ta' Settembru 2017, li kopja tieghu tinsab hawn anness, mmarkata Dok B ;

3. M’hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra li ilhom ghal dal-ahhar 4 snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Anqas ma hemm pendenza ta’ manteniment in kwantu ebda manteniment ma gie patwit, u l-att ta’ separazzjoni qed jigi osservat fl-intier tieghu.

Dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tippronunzja l-hall taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikou 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta’ AC gja P C datat 28 ta’ Ottubru 2021 fejn esponiet bir-rispett;**

a. Illi l-esponenti taqbel mal-premess li l-partijiet ilhom seperati minn xulxin legalment ghal aktar minn erba’ snin u dan b’ kuntratt tan-nutar Dr Jean Carl Debono izda datat il- 25 ta’ Awwissu 2017;
b. Illi l-esponenti taqbel li ma hemm ebda prospett regenevoli ta’ rikonciljazzjoni, stante li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.
c. Illi l-esponenti taqbel li l-partijiet jissodisfaw il-kundizzonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta’ Malta.

d. Illi l-esponenti tikkonferma li hija gja tuza il-kunjom ta’ xebba u cjoe’ C, u dan kif jirrizulta ai termini tal-artikolu 12 tal-att pubbliku redatt min-Nutar Dr. Jean Carl Debono izda datat 25 ta’ Awwissu 2017, u c-certifikat taz-zwieg annessa, bhala Dok A, mar-rikors promutur,

Ghaldaqstant l-esponenti ma topponix t-talbiet tar-rikorrent.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**